A.L. 192 ta' l-2006

ATT DWAR IL-PROMOZZJONI TAN-NEGOZJU (KAP. 325)

Regolamenti ta' l-2006 li jemendaw ir-Regolamenti dwar il-Promozzjoni tan-Negozju

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 59 ta' l-Att dwar il-Promozzjoni tan-Negozju, hawn iżjed 'il quddiem imsejjaħ "l-Att", il-Ministru għall-Investiment, Industrija u Teknoloġija ta' l-Informazzjoni għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu.

1. It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu Regolamenti ta' l-2006 li jemendaw ir-Regolamenti dwar il-Promozzjoni tan-Negozju, u għandhom jinqraw u jiftiehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti ta' l-2001 dwar il-Promozzjoni tan-Negozju, hawn iżjed 'il quddiem imsejjħa "ir-regolamenti prinċipali". L.N. 135 ta' l-2001.

Bidu fis-seħħ.

2. Dawn ir-regolamenti għandhom jidħlu fis-seħħ kif ġej:

(a) ir-regolamenti 3, 7 u 9 għandhom jibdew iseħħu fl-1 ta' Jannar, 2007; u

(b) ir-regolamenti 4, 5, 6, 8 u 10 għandhom jitqiesu li bdew iseħħu mill-1 ta' Awissu, 2006.

Jemenda r-regolament 5 tar-regolamenti prinċipali.

3. Regolament 5 tar-regolamenti principali, għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) fis-subregolament (1) minflok il-kliem "għar-rigward ta' proġett ta' investiment, jiġi kalkolat jew –" għandhom jidħlu l-kliem "għar-rigward ta' proġett ta' investiment approvat bil-miktub mill-Korporazzjoni qabel ma dan jitwaqqaf, jiġi kalkolat jew-";

(b) fis-subregolament (2) minflok il-kliem "bħala intrapriża żgħira jew ta' daqs medju, teċċedi il-65% u fil-każ ta' kwalunkwe kumpannija oħra tali perċentwali m'għandhiex teċċedi il-50%." għandhom jidħlu l-kliem "bħala intrapriża żgħira, teċċedi il-50%, fil-każ ta' intrapriża li tikkwalifika bħala intrapriża ta' daqs medju dik il-perċentwali m'għandhiex teċċedi 40%, u fil-każ ta'

kwalunkwe kumpannija oħra dik il- perċentwali m'għandhiex teċċedi t-30%.";

(ċ) fis-subregolament (5) minflok il-kliem "bħala intrapriża żgħira jew ta' daqs medju, il-perċentwali imsemmija fis-subregolament (4) ma għandhiex teċċedi il-65% u fil-każ ta' kwalunkwe kumpannija oħra l-perċentwali ma għandhiex teċċedi il-50%" għandhom jidħlu l-kliem "bħala intrapriża ta' daqs żgħir, il-perċentwali msemmija fis-subregolament (4) m'għandhiex teċċedi l-50%, fil-każ ta' kumpannija li tikkwalifika bħala kumpannija ta' daqs medju l-perċentwali msemmija m'għandhiex teċċedi l-40%, u fil-każ ta' kwalunkwe kumpannija oħra tali perċentwali m'għandhiex teċċedi it-30%.".

Jemenda r-regolament 8 tar-regolamenti prinċipali.

4. Fis-subregolament (7) tar-regolament 8 tar-regolamenti prinċipali, minflok il-kliem "imsemmija fil-paragrafu (f) jew (j) tas-subregolament 4(3) ta' dawn ir-regolamenti", għandhom jidħlu l-kliem "fil-paragrafu (e), (f) jew (j) tas-subregolament 4(3) ta' dawn ir-regolamenti".

Jemenda r-regolament 9 tar-regolamenti prinċipali.

5. Fis-subregolament (5) tar-regolament 9 tar-regolamenti prinċipali, minflok il-kliem "imsemmija fil-paragrafu (f) jew (j) tas-subregolament 4(3) ta' dawn ir-regolamenti", għandhom jidħlu l-kliem "fil-paragrafu (e), (f) jew (j) tas-subregolament 4(3) ta' dawn ir-regolamenti".

Jemenda r-regolament 10 tar-regolamenti prinċipali.

6. Fis-subregolament (6) tar-regolament 10 tar-regolamenti prinċipali, minflok il-kliem "imsemmija fil-paragrafu (f) jew (j) tas-subregolament 4(3) ta' dawn ir-regolamenti", għandhom jidħlu l-kliem "fil-paragrafu (e), (f) jew (j) tas-subregolament 4(3) ta' dawn ir-regolamenti".

Jissostitwixxi r-regolament 12 tar-regolamenti prinċipali.

7. Minflok ir-regolament 12 tar-regolamenti prinċipali, għandu jidħol dan li ġej:

"Għajnuna massima għal proġetti ta' investiment għal intrapriżi żgħar u ta' daqs medju.

12. L-ammont totali li kumpannija tista' tibbenefika minnu għal proġett ta' investiment skond ir-regolamenti 5, 8 u 9 u l-artikoli 6, 7, 24B u 24C ta' l-Att mgħandux,

(i) meta l-kumpannija tikkwalifika bħala intrapriża żgħira, jeċċedi l-ogħla minn –

(a) 50% ta' l-ispiża kwalifikanti għal dak il-proġett ta' investiment; jew

(b) 50% ta' l-ispiża tal-pagi għall-ewwel perjodu ta' erbgħa u għoxrin xahar għall-individwi li għalihom ikunu ġew maħluqa postijiet tax-xogħol kif stabbilit bir-regolament 5(7) sa (11).

(ii) meta l-kumpannija tikkwalifika bħala intrapriża ta' daqs medju, jeċċedi l-għola ta' –

(a) 40% ta' l-ispiża kwalifikanti relatata ma dak il-proġett ta' investiment; jew

(b) 40% ta' l-ispiża tal-pagi għall-ewwel perjodu ta' erbgħa u għoxrin xahar għall-individwi li għalihom ikunu ġew maħluqa postijiet tax-xogħol kif imsemmi fir-regolament 5(7) sa (11).

Jemenda r-regolament 14 tar-regolamenti prinċipali.

8. Fis-subregolament (5) tar-regolament 14 tar-regolamenti prinċipali, minflok il-kliem "imsemmija fil-paragrafu (f) jew (j) tas-subregolament 4(3) ta' dawn ir-regolamenti", għandhom jidħlu l-kliem "fil-paragrafu (e), (f) jew (j) tas-subregolament 4(3) ta' dawn ir-regolamenti".

Jemenda r-regolament 18 tar-regolamenti prinċipali.

9. Ir-regolament 18 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) fis-subregolament (1)(a), minflok il-kliem "50%" għandhom jidħlu l-kliem "30%";

(b) fis-subregolament (1)(b) minflok il-kliem "50%" għandhom jidħlu l-kliem "30%".

Jemenda r-regolament 22 tar-regolamenti prinċipali.

Kap. 463.

10. Fis-subregolament (1) tar-regolament 22 tar-regolamenti prinċipali, minflok il-kliem "ir-regolamenti 8, 9, 11, 13 u 14 jew mill-*Institute for the Promotion of Small Enterprise Limited*", għandhom jidħlu il-kliem "dawn ir-regolamenti jew l-Att jew skond l-Att dwar il-Korporazzjoni Maltija għall-Intrapriża".